32005D0458

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ġunju 2005

li tagħti lill-Italja d-deroga stipolata fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali

(notifikata taħt id-dokument numru (C(2005) 1826)

(It-test Taljan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/458/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE ta' l-14 ta'Ġunju ta' l-1992 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 3 (2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill jistipola l-possibbiltà ta' awtorizzazzjoni lill-Istati Membri sabiex jeskludu mill-lista ta' *holdings* meħtieġa skond l-Artikolu 3(1) lil dawk il-*holdings* li mgħandhomx iktar minn tliet nagħġiet jew mogħżiet li għalihom ebda ħlas ma jkun mitlub, jew ħanżir wieħed, bil-kondizzjoni li l-annimali jkunu intenzjonati għall-użu jew għall-konsum mill-proprjetarju, u li jkunu soġġetti għall-kontrolli meħtieġa skond id-Direttiva qabel kull trasferiment;

(2) L-awtoritajiet Taljani għamlu talba għal din l-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' *holdings* li ma jkollhomx iktar minn ħanżir wieħed u li jkunu taw assigurazzjonijiet xierqa fir-rigward tal-kontrolli veterinarji;

(3) Għalhekk l-Italja għandha tiġi awtorizzata li tapplika d-deroga;

(4) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Italja hija awtorizzata li tapplika d-deroga stipolata fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 92/102/KEE fir-rigward ta' *holdings* li ma jkunx fihom iktar minn ħanżir wieħed.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 355, 5.12.1992, p. 32. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).